# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 15**

**Rikors kostituzzjonali numru 48/2016 SM**

**George Tabone; Gram Collections Ltd (C43590); Gram Jewellers Ltd (C14377); u Gram Holdings Ltd (C28347)**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-7 ta' Novembru 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet it-talba tagħhom għal kumpens għal dak li dehrilhom li kien ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] meta ġiet

sekwestrata proprjetà tagħhom waqt li kienu mexjin proċeduri kriminali kontra l-konvenut George Tabone. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fis-7 ta' Novembru 2012 il-konvenut George Tabone kien mixli illi, fl-interess tiegħu u tas-soċjetajiet atturi, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa. B'dikriet tal-1 ta' Marzu 2013 il-Qorti Kriminali laqgħet talba tal-Avukat Ġenerali, magħmula taħt l-art. 5 tal-Att kontra *Money Laundering* ["Kap. 373"], biex tagħmel ordni "(*a*) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u (*b*) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xor'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli".

3. B'rikors tas-6 ta' Marzu 2013 l-attur talab illi l-qorti tħassar dak l-ordni billi *inter alia* l-Qorti Kriminali ma kinitx il-qorti b'kompetenza li tagħmel l-ordni. Dan ir-rikors ġie miċħud b'dikriet tat-13 ta' Marzu 2013.

4. B'sentenza tal-14 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-attur mill-akkużi miġjuba kontrieh u ordnat illi, hekk kif is-sentenza ssir *res iudicata*, l-ordni taħt l-art. 5 tal-Kap. 373 jitħassar. L-Avukat Ġenerali iżda appella mis-sentenza u, sakemm infetħet il-kawża tal-lum, l-appell kien għadu ma nqatax u għalhekk l-ordni baqa' fis-seħħ.

5. Billi l-ordni qiegħed lill-attur u lis-soċjetajiet atturi f'qagħda finanzjarja iebsa, b'konsegwenzi detrimentali għalihom, l-atturi jgħidu illi l-ordni kien miżura sproporzjonata u bi ksur tal-jeddijiet tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1) tiddikjara li ż-żamm fis-seħħ tal-ordni ta' friżar tal-1 ta' Marzu 2013 kif inhi fis-seħħ illum, u *cioè* li ma hijiex limitata għall-valur li allegatament ir-rikorrent ivvantaġġja ruħu minnu bl-allegat kommissjoni tar-reat li ġie akkużat bih, qiegħda tilledi d-drittijiet tal-esponenti għat-tgawdija tal-proprjetà taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea;

»2) tħassar, tirrevoka u tannulla l-istess ordni fil-kontront ta' George Tabone kif ukoll fil-konfront ta' *Gram Collections Limited*, *Gram Holdings Limited* u *Gram Jewellers Limited*; jew fin-nuqqas tordna li l-istess ordni għandha tiġi limitata għall-valur li allegatament ivvantaġġja ruħu minnu r-rikorrent bl-allegata kommissjoni tar-reat li ġie akkużat bih;

»3) tillikwida ammont ta' danni għall-ksur hekk stabbilit;

»4) tikkundana lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati; u

»5) tagħti kull ordni u provvediment li jidhrilha li huwa xieraq sabiex jitpoġġew fl-i*status quo ante* tal-vjolazzjoni.«

6. L-ewwel qorti, wara li ċaħdet eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali li l-atturi kien imisshom fittxew rimedju taħt il-liġi ordinarja, ċaħdet it-talbiet tal-atturi ghal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi għal dak li jirrigwarda l-meritu tal-proċedura odjerna jingħad sintetikament is-segwenti:

»Illi l-ordni tal-iffriżar tal-assi meritu tal-proċedura odjerna nħareġ taħt l-awtorità tal-Qorti Kriminali;

»Illi l-istess ordni inhareg a bazi tal-artiklu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> »"Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att".

»Illi jirriżulta li r-rikorrenti Tabone ġie akkużat li xtara oġġetti misruqa;

»Illi dan ir-reat ta' riċettazzjoni hu ikkonsidrat bħala reat rilevanti *ai termini* tal-artiklu 23A (2) tal-Kap 9 fuq ċitat;

»Illi jiġi sottolineat ukoll li tali talba biex jinħareġ ordni ta' iffriżar ma tiddependix mill-użu tad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni iżda hi proċedura tassattivament imposta fuqha *ex lege* skont l-istess artiklu 23A tal-Kap 9;

»Illi jirriżulta wkoll li tali proċedura hekk inizjata mill-prosekuzzjoni tirriżulta li ttieħdet għal għan leġittimu u fl-interess ġenerali;

»Illi jirriżulta wkoll assodat dak allegat mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-liġi tal-iffriżar tal-assi hi intiża biex tipproteġi l-

interess ġenerali biex tiżgura li flus derivanti minn attivitajiet illeċiti u reati ma jiġux impjegati biex jissodisfaw debitu tal-akkużati u b'hekk għall-benefiċċju tal-istess akkużati;

»Illi minn eżami tal-atti kollha in diżamina din il-qorti hi, bħal *del resto* ma kienet il-Qorti Kriminali li ħarġitu, sodisfatta li l-għan li għalih intalab l-ordni ta' iffriżar li minnu jilmenta r-rikorrenti kien proprju għal dawn l-għanijiet indikati fil-paragrafu preċedenti u mhux biex jippersegwita lir-rikorrenti Tabone u lill-familjari tiegħu kif allegat;

»Illi għandu jkun paċifiku li ġaladarba tali ordni nħareġ b'mod leġittimu, dan jibqa' operattiv pendenti l-proċeduri kollha sa ma s-sentenza involuta tgħaddi in ġudikat;

»Illi fil-preżent dawn il-proċeduri inizjati fil-konfront tar-rikorrenti Tabone jirriżultaw li għadhom pendenti *stante* li l-proċedura in diżamina hi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

»Illi din il-posizzjoni tirriżulta li hi l-posizzjoni valida u leġittima *stante* li fil-każ ta' ribaltament tal-ewwel sentenza, allura jibqa' jkun hemm il-possibilità ta' konfiska tal-assi maqbuda permezz tal-ordni ta' iffriżar involut;

»Illi konsegwentement il-ħruġ u ż-żamma tal-ordni tal-iffriżar in diżamina huma t-tnejn leġittimi *stante* li nħargu skont id-dispos-izzjonijiet rilevanti tal-liġi biex kemm-il darba jirriżulta li l-proprjetà in kwistjoni kienet akkwistata b'attività illeċita din tiġi konfiskata fl-interess tal-kollettività;

»… … …

»Illi sorvolat is-suespost, jigu issa sintetikament indirizzati … … … l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**»**A. L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni:

»Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> »"(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma għandu jittiehed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist- … … …
>
> »"(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà … … …
>
> > »"bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta' ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;
> >
> > »"fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;"

»Illi ordni ta' iffriżar tal-assi bħal dak in diżamina neċessarjament jimporta l-kontroll tal-użu ta' proprjetà u joħodha minn idejn is-sid tal-istess proprjetà;

»Illi għandu jkun paċifiku li l-artiklu 37 in diżamina jittratta t-teħid ta' proprjetà mingħajr kumpens;

»Illi *di più*, ordni ta' iffriżar jinħareġ fuq suspett raġonevoli li l- provenjenza u l-użu tal-istess proprjetà ġejja minn attività kriminali li tattira l-istess rispons fl-interess tal-kollettività;

»Illi għandu jkun paċifiku wkoll li ordni ta' iffriżar ifisser "kontroll" tal-proprjetà kolpita u mhux "deprivazzjoni totali" tal-istess;

»Ili għalhekk għandu jiġi sottolineat li l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għas-sitwazzjoni in diżamina.

Ikkunsidrat:

B. L-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

»Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> »"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali;
>
> »"Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

»Illi l-imsemmi artiklu allura jikkonsisti fi tliet (3) binarji senjatament:

»1. id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti;

»2. li persuna tista' tiġi mċaħħda mill-istess possedimenti tagħha fl-interess pubbliku u suġġetta għall-kundizzjonijiet li tipprovdi l-liġi;

»3. li l-istat għandu dritt jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali, jew biex jiggarantixxi l-ħlas ta' taxxi, jew kontribuzzjonijiet, jew pieni;

»… … …

»Illi għalhekk jiġi sottolineat li l-ordni ta' infurzar [*recte*, iffriżar] li minnu jilmenta r- rikorrenti jirriżulta effettivament kontemplat mill-liġi u l-għan tiegħu hu dak li jissalvagwarda l-interess pubbliku billi ma jippermettix lil min qiegħed jiggwadanja *tramite* l-kommissjoni ta' reati;

»Illi jirriżulta li sallum il-każ inizjat kontra r-rikorrenti odjern Tabone għadu pendenti;

»Illi għalhekk għad hemm il-possibilità li l-istess rikorrenti Tabone jista' jinstab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu;

»Illi allura, f'tali eventwalità, dan neċessarjament iwassal għall- konfiska tal-assi li s'issa għadhom leġittimament u regolarment iffriżati *stante* li għalhekk ikun jirriżulta li kienu ġew akkwistati b'reat;

»Illi għalhekk għandu jirriżulta paċifiku li tali proċedura hi purament intiża mhux li tgħakkes inutilment lil min ikun kolpit biha, iżda li ma tippermettix lil min jagħmel gwadann *tramite* reati;

»Illi għalhekk il-Qorti Kriminali li awtorizzat il-ħruġ tal-ordni in diżamina kienet ġustifikata li taġixxi b'dan il-mod;

»Illi *in vista* tal-premess jingħad li ma jirriżultax li kien hemm leżjoni tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll fil-konfront tar-rikorrenti *stante* li l-ħruġ tal-istess ordni kien ġustifikat fl-interess ġenerali.

»Ikkunsidrat:

»Illi *in vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu r-rikorrenti ma ipprovawx il-każ tagħhom skont il-liġi, u konsegwentement:

»1. tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti fuq indikati;

»2. tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

»3. takkolji r-risposti kollha tal-intimat rigwardanti l-mertu tal-proċedura odjerna;

»4. bl-ispejjeż jinqasmu bil-mod segwenti: l-intimat iħallas għall-parti minn ħamsa ($^1/_5$) u r-rikorrenti jħallsu *in solidum* għal erba' partijiet minn ħamsa ($^4/_5$).«

7. L-atturi appellaw b'rikors tas-27 ta' Novembru 2017 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-12 ta' Diċembru 2017. L-atturi fissru l-aggravji fil-qosor hekk:

»i) l-ewwel qorti injorat għal kollox il-punt fokali tal-azzjoni odjerna u *cioè* n-nuqqas ta' proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar – ħaġa li, li kieku ttieħdet in konsiderazzjoni kienet twassal għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; u

»ii) l-ewwel qorti żbaljatament iddikjarat illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli għall-każ in eżami.«

8. L-atturi jibdew l-ewwel aggravju billi, wara li jgħidu illi l-ewwel qorti osservat illi "l-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar mill-Qorti Kriminali kienet [*recte*, il-ħruġ tal-ordni … kien] waħda awtomatika fuq talba tal-prosekuzzjoni" taħt l-art. 5 tal-Kap. 373, jikkontestaw din l-osservazzjoni billi jistaqsu:

»… … … jekk inhuwa veru li l-artikolu 5 huwa wieħed tassattiv, għalfejn allura l-istess artikolu jipprovdi għall-eventwalità li l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni? Huwa ċar … … . illi l-Qorti Krimianli kellha d-diskrezzjoni tiddeklina milli toħroġ ordni ta' ffriżar fiċ-ċirkostanzi, jew inkella li toħroġ ordni ta' ffriżar fil-konfront tas-Sur George Tabone biss u limitatament.«

9. Għall-korrettezza, għandu jingħad illi l-ewwel qorti ma qalitx li l-qorti ma għandhiex diskrezzjoni toħroġx l-ordni jew le; li qalet l-ewwel qorti hu illi "talba biex jinħareġ ordni ta' iffriżar ma tiddependix mill-użu tad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni iżda hi proċedura tassattivament imposta fuqha *ex lege*", *i.e.* illi hija l-prosekuzzjoni li ma għandhiex diskrezzjoni.

10. Barra minn hekk, iżda, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 tassew illi jgħid illi "Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti *għandha* fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni … … …". Dan juri illi tassew illi l-qorti ma għandhiex diskrezzjoni toħroġx jew le l-ordni meta ssirilha talba bħal dik. Il-fatt illi l-liġi taħseb għas-sitwazzjoni fejn il-qorti "għal xi raġuni kwalunkwe" tiċħad talba għall-ħruġ tal-ordni ma jfissirx illi l-qorti ma hijiex marbuta, taħt l-art. 5(1), li toħroġ l-ordni. Jista' jkun li lill-qorti jkun dehrilha li dik id-disposizzjoni ma tgħoddx għall-każ għax ir-reat ma jkunx wieħed taħt l-art. 3; jista' jkun ukoll illi tiċħad it-talba għax tkun għamlet deċiżjoni ħażina. Il-fatt li l-liġi tagħti rimedju f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jnaqqas xejn mid-disposizzjoni tassativa tal-art. 5(1).

11. Barra minn hekk, dan l-argument huwa irrelevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża: il-kwistjoni ma hijiex jekk il-Qorti Kriminali setgħetx toħroġ l-ordni taħt l-art. 5 tal-Kap. 373, iżda jekk il-ħruġ ta' dak l-ordni, ukoll jekk bis-saħħa ta' liġi ordinarja, jiksirx il-jedd imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

12. L-atturi mbagħad jindirizzaw il-qofol tal-ewwel aggravju, *viz.* jekk il-ħruġ tal-ordni kienx miżura proporzjonata fiċ-ċirkostanzi. Igħidu illi l-ħwejjeġ misruqa li l-attur allegatament laqa' għandu jiswew bejn mitt elf u mitejn elf euro (€100,000-€200,000), waqt illi l-proprjetà milquta bl-ordni tiswa ferm aktar minn hekk. Ikomplu jfissru l-aggravju hekk:

> »… … … sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hem vjolazzjoni tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà jrid l-ewwel jiġi stabbilit kienx hemm interferenza f'tali dritt, imbagħad jekk tali interferenza kinitx ġustifikata u *cioè*: i) jekk l-interferenza kinitx skont il-ligi; ii) jekk l-interferenza saritx għal skop legittimu; u iii) jekk l-interferenza kinitx proporzjonali.
>
> »Illi minn qari tas-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti wieħed mal-ewwel għandu jinduna li għalkemm il-qorti daħlet fil-kwistjoni ta' jekk l-ordni tal-iffriżar kienx skont il-liġi u kif ukoll kienx maħsub għal skop leġittimu, injorat għal kollox it-tielet *test* u b'hekk ma għamlet l-ebda stħarriġ ta' jekk l-ordni tal-iffriżar huwiex proporzjonali mal-għan tiegħu.
>
> »Illi fil-fatt fis-sentenza tal-ewwel qorti jingħad illi:
>
>> "»Illi konsegwentement, il-ħruġ u ż-żamma tal-ordni tal-iffriżar in diżamina huma t-tnejn leġittimi *stante* li nħarġu skont id-dis-posizzjonijiet rilevanti tal-liġi biex kemm-il darba jirriżulta li l-proprjetà in kwistjoni kienet akkwistata b'attività illeċita din tiġi konfiskata fl-interess tal-kollettività."
>
> »Illi però l-esponent jerġa' jishaq illi l-qorti ma tatx każ il-fatt illi ma kinitx biss il-proprjetà li kienet suspettata li ġejja minn attività illeċita li ġiet iffriżata, u ma kinux biss il-flus fl-ammont tal-valur tal-ġojjellerija li allegatament laqa' għandu li ġew iffriżati sabiex f'każ ta' ħtija jiġu kkonfiskati – f'dan il-każ kienet il-proprjetà u l-flus kollha tal-esponent u tat-tliet kumpanniji tiegħu. L-esponent allura jsaqsi, jekk fl-appell kriminali issa jinstab ħati, ser jiġu kkonfiskati l-flus u l-proprjetà kollha li qatt kellu? Anke dawk li huwa kiseb qabel ma sar ir-reat in kwistjoni? Anke dawk il-flus li jeċċedu l-€200,000? Jew biss dak li huwa seta' kiseb permezz ta' flus ġejjin minn dan ir-reat? Huwa proprju hawn fejn l-esponent qiegħed jisħaq illi ma kienx hemm proporzjonalità fil-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar u taż-żamm fis-seħħ tiegħu.
>
> »Illi l-esponent itenni li huwa mhuwiex qiegħed jattakka l-liġi fuq l-ordni tal-iffriżar, jew jgħid illi l-ordni in kwistjoni ma ħarigx skont l-istess liġi, jew li ma ħariġx għal għan leġittimu; però, billi l-ordni kien wieħda legali, u maħsub għal għan leġittimu dan ma jfissirx illi l-esponent ma ġarrabx leżjoni b'tali ordni. Minħabba l-fatt illi l-ordni ffriża dak kollu li qatt kellu u ġab fis-seħħ sitwazzjoni fejn għal erba' snin sħaħ il-kumpanniji tiegħu ma setgħux joperaw, dawn l-istess kumpanniji sfaw fix-xejn. Huwa tilef darba għal dejjem dak kollu li kien ħadem għalih ħajtu sħiħa – tilef il-*goodwill* li kien rabba mal-klijenti; tilef dawk il-klijenti, tilef l-investiment li huwa kien għamel f'*restaurant* ġdid għaliex ma kellux il-flus biex isostni l-istess investiment; tilef il-kirjiet li kellu tal-

ħwienet madwar Malta għaliex ma setax iħallashom; ġie f'sitwazzjoni ta' dejn inkontrollabbli għaliex tali dejn kien sostnut proprju bin-negozju li kellu; tilef inġustament u intortament id-dritt li jaqla' paga deċenti mill-i*skill set* tiegħu għaliex l-istess ordni tal-iffriżar ordna illi huwa għandu jirċievi paga ta' tlettax-il elf euro fis-sena; tilef għalhekk id-differenza bejn il-paga li kien qiegħed jieħu meta l-kumpanniji kienu għadhom qed joperaw, u *cioe* €4,000 fix-xahar, u l-paga ta' ftit iktar minn €1,000 fix-xahar u spiċċa mfittex mill-awtoritajiet għall-ħlas ta' *VAT* fuq *stock* li ma setax ibigħ.

»Illi l-esponent jishaq illi li kieku l-ordni tal-iffrizar inħareġ pro-porzjonalment, u *cioè* limitatament għall-valur tal-ġojjellerija li allegata-ment huwa laqa' għandu sabiex fil-każ ta' ħtija dak li seta' kien miksub mill-frott ta' reat jiġi kkonfiskat, huwa ma kienx isib ruħu fis-sitwazzjoni li qiegħed fiha llum, fejn spiċċa b'tliet kumpanniji falluti, jieħu paga ta' tlettax-il elf minn kumpannija terza fejn huwa impjegat u b'dejn tat-tliet kumpanniji li m'għandux minn fejn iħallsu.

»Illi fuq dan jingħad illi, kif fil-fatt mistqarr mill-Avukat Ġenerali, il-liġi tal-iffriżar hija intiża sabiex tiżgura li flus derivanti minn reat ma jintużawx għall-benefiċċju tal-akkużat. Il-liġi ma hijiex intiża bħala penali kawtelatorja fuq l-akkużat, jew biex tiżgura li l-flus kollha ta' akkużat ma jintużawx għall-benefiċċju tiegħu anke jekk m'għandhomx x'jaqsmu ma' reat, iżda li flus derivanti minn reat ma jintużawx għall-benefiċċju tal-akkużat. Għalhekk, dan iktar u iktar isaħħaħ l-argument tal-esponent illi kull ma kellu jiġi ffriżat mal-ħruġ tal-akkużi fil-konfront tiegħu huwa l-allegat valur tal-ġojjellerija misruqa, u dan sabiex filwaqt illi jiġi żgurat li flus li possibbiliment jidderivaw minn reat ma jiġux użati għall-benefiċċju tal-akkużat, fl-istess hin l-akkużat ma jkunx qiegħed iġarrab piż sproporzjonat bl-iffriżar tal-assi kollha tiegħu u tal-kumpanniji kollha tiegħu; b'hekk kien jinżamm il-bilanċ rikjest bejn l-interessi tal-poplu in ġenerali u d-dritt tal-esponent għat-tgawdija tal-proprjetà.

»Illi huwa daqstant evidenti li l-interess ġenerali li akkużat ma jgawdix minn flus derivanti minn reat kien ikun sodisfatt b'garanzija personali magħmula mill-esponent anke fl-agħar ipotesi fil-valur ta' mitejn elf euro (€200,000), u ma kien hemm ebda raġuni għalfejn l-esponent, preżunt innoċenti, kellu jitlef il-ġawra ta' ħajtu li kienet il-*household name* li kien bena għalih innifsu u għall-għejxien tal-familja tiegħu, bl-ifriżar ta' dak kollu li qatt kellu, bil-konsegwenza tat-telf ta' dak kollu li ħadem għalih tul ħajtu kollha. Dan speċjalment meta "l-proprjetà immobbli konsistenti fir-residenza (tiegħi) tqum 'il fuq minn miljun euro (€1,000,000) u l-kumpannija (tiegħi) snin ilu ġejt mogħti miljun (€1,000,000) bħala struttura totali mingħajr ma ninkludi l-i*stock*".

»Illi għalhekk l-esponent ħass ruħu aggravat għall-aħħar bis-sentenza tal-ewwel qorti l-għaliex l-istess sentenza ma kkonsidratx il-pro-porzjonalità tal-ordni tal-iffriżar iżda ffokat biss fuq il-legalità u l-leġitimità tiegħu.«

13. L-Avukat Ġenerali wieġeb u fisser għala fil-fehma tiegħu l-ħruġ tal-ordni kien "taħt qafas legali" u għala jqis illi "l-iskop tal-miżura kien

wieħed leġittimu". Dan iżda ma kienx kontestat mill-atturi, li jgħidu illi d-dritt tagħhom inkiser mhux għax il-ħruġ tal-ordni ma kienx legali jew ma kienx għal skop leġittimu, iżda għax ma kienx miżura proporzjonali. Dwar il-ħtieġa ta' proporzjonalità l-Avukat Ġenerali wieġeb hekk:

> »… … … Ovvjament il-fatt li tali miżura hija daqshekk importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità, u ġaladarba huwa stabbilit l-importanza li jkollok tali miżura fl-interess tas-soċjetà, dan iwassal sabiex jingħad li mhuwiex minnu li r-rikorrent qed iġorr piż eċċessiv. Hawnhekk tajjeb li jiġi imfakkar li r-rikorrenti ġie akkużat bir-reat ta' riċettazzjoni f'ambitu ta' serqa kbira u fejn wieħed mil-persuni involuti – Glenn Debattista – implika proprju lir-rikorrent bħala l-persuna li kien xtara l-oġġetti misruqa u ta' dan kien tħallas eluf kbar ta' euro. Għalhekk f'dan il-kuntest kollu m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li tali miżura temporanja hija wkoll proporzjonata għall-interess ġenerali.«

14. Il-qorti tosserva, qabel xejn, illi l-fatt illi l-ordni jolqot proprjetà li tiswa aktar mill-proprjetà misruqa li l-attur allegatament laqa' għandu ma jfissirx bilfors u awtomatikament illi l-ordni huwa sproporzjonat. Il-qligħ li jista' jagħmel min jikseb proprjetà bi ksur tal-liġi – fil-każ tallum min jilqa' għandu proprjetà misruqa – ma huwiex neċessarjament daqs id-differenza bejn kemm tiswa l-proprjetà u kemm swielu biex kisibha. Jista' jkun li dak il-qligħ ikun ħaddmu biex kiseb qligħ ieħor, li wkoll għalhekk ikun qligħ mhux mistħoqq u frott ta' ksur tal-liġi.

15. Aktar minn hekk, iżda, il-Kap. 373 stess jaħseb għal sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju tagħhom fejn il-persuna akkużata, soġġetta għall-ordni, tista' ġġarrab telf u danni għax, minħabba l-ordni, tonqos mill-tħallas kredituri *bona fide*. Biex l-akkużat ma jġarrbx tbatija żejda u li tista' tkun evitata f'ċirkostanzi bħal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkużat jista'

jieħu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena – li l-attur Tabone ġà qiegħed jirċievi –, iżda wkoll illi:

> »… … … il-qorti tista' barra minn dan -
>
> »(*a*) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
>
> »(*b*) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.«

16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.

17. L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta' rimedju li jagħtihom il-*proviso* għall-art. 5(1) miġjub fuq. B'rikors tas-6 ta' Marzu 2013 talbu t-tħassir tal-ordni għal raġunijiet oħra u mhux għar-raġunijiet imsemmija fil-*proviso*. L-eżistenza ta' dan ir-rimedju iżda, għalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa biżżejjed biex juri illi hemm mekkaniżmu fil-Kap. 373 stess biex jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.

18. Il-qorti ma hijiex b'hekk qiegħda tgħid illi t-talbiet magħmula mill-atturi f'din il-kawża ma għandhomx jitqiesu għax l-atturi kellhom rimedju taħt il-liġi ordinarja; dik hija kwistjoni deċiża mill-ewwel qorti f'parti tas-sentenza li ma sarx appell minnha u li għalhekk saret finali. Li qiegħda

tgħid il-qorti hu illi l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza.

19. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

20. It-tieni aggravju jolqot l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss fejn ikun hemm "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà.

21. Din l-osservazzjoni tal-ewwel qorti hija manifestament skorretta.

22. L-art. 37 igħid illi:

> »**37.** (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u *ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà* ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, … … … «

23. L-art. 37 iħares mhux biss kontra "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà iżda kontra t-teħid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjetà. Il-*ius abutendi* – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-art. 37.

24. Tassew li kien hemm xi sentenzi – fosthom dawk ċitati mill-Avukat Ġenerali fit-tweġiba tiegħu – li kienu ħadu din il-posizzjoni żbaljata li ħadet l-ewwel qorti. Ġurisprudenza aktar reċenti[1] iżda affermat dak li, wara kollox, igħid il-kliem tal-liġi stess, *viz.* illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju" ħlief fiċ-ċirkostanzi u bil-modalitajiet imsemmija fl-istess artikolu.

25. Naturalment, il-fatt illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika għall-każ bħal dak tallum ma jfissirx bilfors illi kien hemm ksur ta' dak l-artikolu. Fil-fatt, issa li l-qorti qieset u ċaħdet l-ewwel aggravju tal-atturi, il-kwistjoni tal-applikabilità tal-art. 37 saret x'aktarx akkademika għax għall-istess raġunijiet li għalihom ma kienx hemm ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll – li l-ordni nħareġ bis-saħħa ta' liġi, li hu maħsub biex jilħaq għan leġittimu, u li ma huwiex sproporzjonat fl-effetti tiegħu – ma hemmx ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

26. Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss illi tgħid illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta' "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà u mhux ukoll f'każ fejn is-sid ikun imċaħħad minn xi dritt jew interess fil-proprjetà. Madankollu taqbel mal-ewwel qorti illi ma kien hemm ebda ksur ta' dan l-artikolu.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn qalet illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta'

---

1 Ara *e.g.* John Bugeja *v.* Rev. Alfred Calleja *noe* (rik. 1508/2000), Kost. 11 ta' Novembru 2011; Rose Borg *v.* Avukat Ġenerali *et* (rik. 25/2013), Kost 11 ta' Lulju 2016.

"deprivazzjoni totali" tal-proprjetà u tgħid minflok illi l-istess art. 37 japplika wkoll f'każ fejn is-sid ikun imċaħħad minn xi dritt jew interess fil-proprjetà, u tikkonfermaha fejn ma sabet ebda ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

28. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż mill-ewwel qorti; l-ispejjeż tal-appell, bħal dawk tal-ewwel grad, jinqasmu hekk: l-atturi flimkien iħallsu erba' ishma minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) u l-konvenut Avukat Ġenerali jħallas is-sehem l-ieħor minn ħamsa ($^{1}/_{5}$).

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb